Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 59/2016

**Dr Joseph sive Beppe Fenech Adami (appellat)**

**Vs**

**Aleander Balzan (appellant)**

23 ta' April, 2018.

1. B'rikors prezentat fis-17 ta' Marzu, 2016 l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut, bhala editur ta' One TV, ihallas id-danni talli fl-ahbarijiet mxandra fil-15 ta' Marzu, 2016 u 16 ta' Marzu, 2016 l-attur gie mmalafamat bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu. Ghalhekk talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas danni morali ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-konvenut ma ddefendix ruhu. Jirrizula li fl-24 ta' Marzu, 2016 il-konvenut gie personalment notifikat bir-rikors promotur (ara fol. 7 *a tergo*).

3. B'sentenza tat-13 ta' Frar, 2018 l-ewwel qorti kkonkludiet li mill-provi li tressqu, *"...ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi x-xandira mtella' fuq in-news tal-One TV fil-15 u 16 ta' Marzu, 2016, inkluz l-intervista min-Nutar Ian Castaldi Paris fis-16 ta' Marzu 2016, kienu intizi unikament sabiex jillibellaw u jimmalafamaw lir-rikorrent u r-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax ma tikkundannahomx u ghalhekk tiehu l-passi opportuni"*. Il-qorti sabet lill-konvenut hati ta' malafama u kkundannatu jhallas danni fis-somma ta' ta' tlett elef ewro (€3,000).

4. L-attur ilmenta dwar dak li ntqal waqt in-news fuq One News fil-15 u 16 ta' Marzu, 2016 fejn giet allegat li:

**<u>15 ta' Marzu, 2016</u>**.

- *"Beppe Fenech Adami sar miljunarju kbir bis-sahha ta' decizjonijiet dubjuzi u li jqanqlu suspetti ta' abbuz fi zmien ta' amministrazzjoni Nazzjonalisti"*.
- *"Skandlu kbir li fic-centru tieghu mhux biss hemm Beppe Fenech Adami izda hemm persuni ohra li okkupaw uhud mill-oghla karigi fil-pajjiz"*.

**<u>16 ta' Marzu, 2016</u>**.

- *"Minn zewgt ikmamar fir-raba' ghall-palazz b'valur ta' 5 miljun ewro"*.
- *"B'daqqa ta' pinna, f'zewg okkazzjonijiet, il-Gvern ta' Lawrence Gonzi ghamel il-palazz ta' Beppe Fenech Adami fil-Gharghur jigi jiswa' 5 miljun ewro minflok eluf ta' ewro……Decizjonijiet li kienu skandaluzi u huma ta' favoritizmu car fil-konfront ta' Beppe Fenech Adami"*.
- Dan kien skandlu ghaliex minn raba' b'zewgt ikmamar il-proprjeta saret palazz b'valur ta' hames miljun ewro, u rizultat ta' *"favoritizmu car fil-kofront ta' Beppe Fenech Adami"*.
- *"Il-permess ghall-pool hadu fl-1999, wara li rega' tela' Gvern Nazzjonalista. Anke jekk il-pool ukoll kien bnieha qabel. Mhux biss bena pool akbar minn dak li ghandu permess ghalih, izda bena pool deck ta' 700 metru kwadru, tliet kwarti ta' tomna. Dan meta skont il-policy tal-ODZ, din ma tistax tkun akbar minn 100 metru kwadru"*.
- *"F'kaz minnhom l-eks Prim'Ministru Lawrence Gonzi intervjena personalment u ghamel eccezzjoni ghalih".*
- Hemm illegalitajiet fil-proprjeta ta' Fenech Adami.
- Fl-2006 il-proprjeta ddahhlet, b'involviment dirett ta' George Pullicino, f'zona ta' zvilupp; *"Meta art ODZ issir wahda ta' zvilupp, il-valur jisplodi"*.
- *"Fl-2007, il-MEPA applikat hi stess biex il-palazz ta' Beppe Fenech Adami jirdoppja fil-kobor tieghu. Dan b'zieda ta' tliet sulari u semi-basement. Applikat ukoll fuq xi proprjetajiet ohra. Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi f'ittra datata 8 ta' Ottubru 2008 cahad it-talbiet tal-MEPA ghax qal li dawn imorru kontra d-decizjoni tal-Gvern. Pero' mhux hekk ghamel ghal Beppe Fenech Adami. It-talba fuq il-palazz tieghu kienet l-unika wahda li giet accettata"*.
- F'intervista li saret lin-nutar Ian Castaldi Paris, ghal wahda mid-domandi qal, *"mhux sew li citaddin hemm barra li kellu xi haga simili ta' Beppe Fenech Adami gie michud mid-drittijiet tieghu pero' mbaghad ikollok kaz sfaccat, ghax Beppe Fenech Adami kellu missieru Prim Ministru u anke President, u kienet familja li hija hafna assocjata mal-Partit Nazzjonalista, tiehu li tiehu u ssir miljunarju overnight u miljunarju bil-kbir"*.

5. Mir-rappurtagg hu evidenti li l-allegazzjoni principali kienet li l-attur, bhala sid tal-fond, 3, Triq Sta Marija Taz-Zellieqa, Gharghur gawda u saret preferenza mieghu bis-sahha ta' abbuz ta' poter mill-Prim'Ministru u l-perit George Pullicino li sar fis-sena 2006 u 2007, billi:-

   i. Il-proprjeta tal-attur f'*outside development zone* ddahhlet f'zona ta' zvilupp;
   ii. Il-MEPA stess applikat biex l-attur jinghata tliet sulari u *semi-basement* zejda. Filwaqt li saret applikazzjoni simili ghall-proprjetajiet ohra, fl-2008 Dr Lawrence Gonzi cahad l-applikazzjonijiet l-ohra u laqa' biss it-talba fir-rigward tal-fond proprjeta tal-attur; *"It-talba fuq il-Palazz tieghu kienet l-uniku wahda accettata"*.

Decizjonijiet li skont ir-rapport wasslu biex il-proprjeta tal-attur, skont agenti tal-proprjeta, saret tiswa hames miljun ewro.

6. L-uniku xhud li xehed f'dawn il-proceduri kien l-attur innifsu, li qal:
   - Fit-13 ta' Ottubru, 1994 xtara dar mibnija. Hekk jidher min-nota ta' insinwa tal-kuntratt;
   - Fl-1988 hareg permess mill-PAPB biex tinbena dar;
   - Fl-20 ta' Gunju 1997 ghamel applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar biex jaghmel extension tal-*backyard*. L-applikazzjoni giet approvata fl-1 ta' Jannar, 1998. Hekk jidher mid-dokument a fol. 24. Zmien li fih il-Partit Nazzjonalista kien fl-Opposizzjoni;
   - L-applikazzjoni ghall-bini ta' swimming pool saret fis-17 ta' Lulju, 1998, meta l-Parti Nazzjonalista kien ghadu fl-Opposizzjoni. F'Marzu 1999 inhareg il-permess ta' zvilupp. Hekk jidher mid-dokument a fol. 25.
   - Id-dar tieghu kellha zewg sulari u washroom. Spjega li l-Malta Central Local Plan jinkludi Attard, Balzan, Birkirkara, Gharghur, Hamrun, Iklin, Lija, Mosta, Naxxar, Qormi u Santa Venera. Dan il-pjan gie emendat u dan wassal biex setghu jibndew sular iehor u basement. Hu flimkien mal-mara ddecieda li jibnu sular iehor, biex kull wiehed mit-tlett itfal ikollu l-kamra tas-sodda tieghu. F'dan ir-rigward ma nghata favur minn hadd, izda ezercita dritt li nghata lil kull min kellu terraced houses fl-imsemmija postijiet.
   - Il-gnien li jifforma parti mid-dar tieghu jaqa' f'*outside development zone*. Ghalhekk mhux veru li l-Prim'Ministru ta' dak iz-zmien ha decizjoni li biha l-attur jista' jizviluppa l-gnien.

7. **<u>L-ewwel aggravju</u>**.

7.1 L-appellant spjega li b'dak li qalet fis-sentenza tal-ewwel qorti, tat wiehed x'jifhem li ma kellux provi xi jressaq biex jisostanzja dak li nkiteb.

7.2 Irrispettivament ta dak li tat x'tifhem l-ewwel qorti, hu fatt li l-konvenut ma ddefendix il-kawza. Fir-rikors tal-appell qal li dan kien minhabba l-fatt li r-rikors li bih bdew dawn il-proceduri, *"…gie ricevut mir-receptionist tal-kumpless ta' One Productions fil-Marsa u dan, bi svista, intilef qalb il-karti kollha li jkollu l-esponent fil-post tax-xoghol tieghu"*. Pero' ma saret l-ebda prova ta' dan.

7.3 Irrispettivament x'kienet ir-raguni ghalfejn l-appellant ma ddefendix il-kawza, jibqa' l-fatt li qatt ma talab lill-qorti biex jiggustifika ruhu ghalfejn ma wegibx il-kawza.

7.4 Hu minnu li l-konvenut m'ghamilx dikjarazzjoni fis-sens li ma kellux provi x'iressaq. Pero' kien hu stess li f'rikors prezentat fis-27 ta' Ottubru, 2016 iddikjara, *"**Illi l-esponenti ma huwiex ser jopponi jew jikkontesta l-istat kontumacja tieghu**, izda ghandu l-jedd li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u dan ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'*

*Malta"*. Ghalhekk l-appellant minkejja dak li nghad f'paragrafu 3.2, ghazel minn jeddu li ma jiggustifikax in-nuqqas ghalfejn ma wegibx bil-ghan li jinghata l-opportunita' li jressaq difiza u jgieb provi.

7.5 F'dawn ic-cirkostanzi, l-attur ma kellu l-ebda obbligu li jaghti provi li l-fatti dikjarati fir-rapport mhumiex veri. Kien il-konvenut li kellu l-obbligu li jaghti prova tal-verita tal-fatti li gew allegati fir-rapport. Provi li ma tressqux gialadarba l-konvenut ma ddefendix ruhu. Ovvjament dan mhu tort ta' hadd ghajr tal-konvenut.

7.6 F'dawn ic-cirkostanzi l-fatt serji li gew allegati baqghu biss allegazzjoni u xejn iktar. Ir-rapport imxandar fuq One News m'huwiex prova tal-kontenut tieghu u 'l fatti dikjarati baqghu biss allegazzjoni.

7.7 Flimkien mar-rikors tal-appell, il-konvenut ipprezenta erba' dokumenti. Min ma jkunx iddefenda ruhu quddiem l-ewwel qorti, ma jistax iressaq provi. Dak li m'ghamilx quddiem l-ewwel qorti ma jistax isir fl-istadju tal-appell, fejn l-ezercizzju li ghandu jsir hu li l-qorti tistharreg dak li sar fl-ewwel stadju tal-proceduri. M'hemmx dubju li l-konvenut ma jistax jinqeda bl-appell biex iressaq provi li ma kellux dritt li jressaq quddiem l-ewwel qorti.

7.8 Li l-konvenut jargumenta li, *"gie penalizzat ghal xandira gurnalistika fuq politiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, u kwindi, kif ser jigi trattat hawn taht fit-tielet (3) u l-ahhar aggravju, dan certament jikkostitwixxi, f'sens oggettiv, limitazzjoni/interferenza cara ta'/fi drittijiet fondamentali tal-bniedem"*, hu ghal kollox barra minn loku. Dan l-argument kien ikun floku kieku l-konvenut ressaq provi li jissostanzja dak li allega.

8. **<u>It-tieni aggravju</u>**.

8.1 Il-konvenut argumenta li ghalkemm kien kontumaci, *"dan ma jfissirx illi awtomatikament huwa ammetta jew mod iehor qaghad jew baxxa rasu ghat-talba tar-rikorrent"*.

8.2 B'dan ir-ragunament jidher li l-konvenut ma jridix jifhem li dak li gie allegat fir-rapport baqa' biss allegazzjoni. Il-kawzi jigu decizi fuq il-provi u xejn iktar.

8.3 Hu fatt li l-konvenut ma gab l-ebda prova biex jissostanzja dak li gie allegat fir-rapport imxandar fis-16 ta' Marzu, 2017.

8.4 Il-konvenut ilmenta li l-ewwel qorti, *"approvat dak kollu li xehed ir-rikorrent minghajr ezami siewi ta' dak li ntqal u prodott"*. Fil-kawza xehed l-attur. Ovvjament ma sarlu l-ebda kontro-ezami u ma tressqux provi li jikkontradicu dak li xehed. Ghalhekk il-verzjoni li ta l-attur mhijiex kontradetta.

8.5 Mill-provi rrizulta li fit-18 ta' Ottubru 1994 l-attur u martu xtraw '*terraced house'* bl-isem ta' Boomerang, fi Triq iz-Zellieq, Hal Gharghur flimkien ma' porzjona art b'kejl ta' tomna, dan kollu ghall-prezz ta' hamsin elf liri Maltin (Lm50,000). Jirrizulta li fit-22 ta' Settembru, 1988 hareg permess ta' zvilupp f'isem John Gauci biex jibni *"dwelling with garage for private cars subject to conditions on form TH (already sent) and as per plans submitted and returned provided a 20  setback is maintained from existing road alignment"*.

Ir-riferenza għad-dokument a fol. 24 ma tgħinx lill-konvenut, għaliex *the sting of the libel* hu f'dak li allegatament ġara fis-sena 2006 u wara.

9. **<u>It-Tielet aggravju</u>**.

9.1 F'dan l-aggravju l-appellant isostni li l-kaz jitratta kwistjoni ta' interess pubbliku u minn rapport gurnalistiku fuq persuna attiva fil-hajja pubblika u politika, u ghalhekk *"kull limitazzjoni ghall-espressjoni gurnalistika, maghdud il-gudizzju politiku fuq din il-persuna, ma ghandux jigi applikat minghajr ezami approfondit tad-drittijiet fundamentali; senjatament il-principju kardinali illi l-liberta tal-espressjoni hi, fuq kollox, ir-regola u mhux l-eccezzjoni"*.

9.2 F'dan l-aggravju l-konvenut qal l-ovvju. Pero' l-liberta tal-espressjoni ma jfissirx li tghid li trid u tattakka r-reputazzjoni ta' haddiehor billi tallega fatti qiesu xejn mhu xejn. Kulhadd ghandu l-jedd li jiddefendi r-reputazzjoni tieghu, irrispettivament huwiex persuna privata jew pubblika.

9.3 Kieku l-konvenut ma kienx negligenti u ddefenda ruhu, kien ikollu l-opportunita li jressaq il-provi li l-fatti allegati huma veri. Wara l-qorti kienet tiddeciedi jekk mill-provi li ressaq il-konvenut, il-fatti kinux veri jew sostanzjalment veri u jekk kliem bhal *'skandlu tal-palazz ta' Beppe'* u li *'Beppe Fenech Adami sar miljunarju kbir bis-sahha ta' decizjonijiet dubjuzi'*, kienx *value judgement*.

9.4 L-iskrutinju ta' persuni bhall-attur hi essenzjali u l-gurnalisti ghandhom rwol important hafna f'dan kollu, partikolarment minn dawk il-gurnalisti li huma indipendenti u m'ghandhom l-ebda rabta ma' partiti politici. Sfortunatament, f'Malta l-gurnalisti indipendenti huma *a rare breed* u dan ma jghinx biex il-pubbliku ikollu rappurtagg li hu oggettiv.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.